# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tas-6 t'Ottubru 2016

Appell Nru: 224/2014

**Il-Pulizja**

**(Spettur Jesmond J. Borg)**

**Vs**

**Jason Cortis**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant Jason Cortis detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 183688M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F'dawn il-Gzejjer, fil-lejl bejn l-1 u t-2 ta' Mejju 2009, gewwa Ta' Qali, kif ukoll fis-sentejn ta' qabel, f'hinijiet differenti u fi bnadi ohra f'Malta:

1. Ittraffika, biegh, qassam jew offra li jitraffika, jbiegh jew iqassam medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom X'Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta'

Malta u r-Regolamenti Dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati;

2. Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom X'Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;

3. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-16 ta' Mejju, 2014, li biha, wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(1B), 120A(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u t-Taqsima A tal-Tielet Skeda tal-istess Kapitolu, ir-

Regolament 3 tal-Avviz Legali 22/1985, it-Taqsima IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, sabet lill-imputat mhux hati tat-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu u illiberatu minnha, fil-waqt illi sabitu hati tal-ewwel imputazzjoni (b'referenza biss ghal-lejl ta' bejn l-1 u t-2 ta' Mejju 2009) u t-tieni imputazzjoni (b'referenza ghall-istess lejl ta' bejn l-1 u t-2 ta' Mejju 2009) u kkundannatu ghal piena ta' sitt xhur prigunerija u multa ta' seba' mija u hamsin Euro (€750) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100). L-ewwel pagament ghandu jsir fi zmien xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

In oltre, il-Qorti ordnat lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe` l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert forensiku l-Ispizjar Mario Mifsud, ammontanti ghas-somma ta' tlett mija, erbgha u sittin Euro u wiehed u hamsin centezmu (€364.51), liema spejjez ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan illi jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' jum habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Finalment, il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga esebita bhala Dok. JB1, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti

ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Jason Cortis, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-28 ta' Mejju, 2014, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tilqa' l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata fejn tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellant mhux hati tat-tielet imputazzjoni u hati tat-tieni imputazzjoni, filwaqt illi tillibera lill-esponent mill-ewwel imputazzjoni migjuba kontrih u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok timponi piena ekwa u gusta ghal kaz odjern.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz brevement huma li fil-lejl bejn l-ewwel u t-tnejn ta' Mejju 2009 waqt *party* gewwa l-MFCC Ta' Qali, l-appellant kien arrestat, fost diversi persuni ohra, peress illi fuq il-persuna tieghu instab pillola *ecstasy*. Waqt l'interrogatorju tieghu kien ammetta mal-Pulizija li kien xtara zewg pilloli bil-prezz ta' Euro 24 u ta deskrizzjoni ta' din il-persuna. Fl-istess waqt kien avvicinah persuna li staqsieh jekk kellux xi droga u l-appellant offra li jmur jixtri minghand l-istess persuna izda f'dak il-waqt t-tnejn li huma spiccaw arrestati;

2. L-appellant jikkwerela l-apprezzament tal-fatti u sejbien ta' htija mill-ewwel Qorti dwar l-ewwel imputazzjoni u jargumenta *in primis* illi l-istqarrija tieghu kellha tkun skartata ghar-raguni illi ma kienx assistit minn avukat. Dan il-gravami jestendi ukoll ghall-istqarrija tal-persuna l-ohra arrestata flimkien mall-appellant li eventwalment tat

id-deposizzjoni taghha fil-proceduri kontra tieghu. L-appellant jilmenta ukoll illi ma saru ebda ezamijiet forensici fuq it-tlett pilloli misjuba fuq il-pesuna tat-terz sabiex ikun determinat jekk dik is-sustanza kienitx l-istess bhal dik misjuba fuq l-appellant. Fit-tieni gravami tieghu l-appellant jargumenta illi l-ewwel Qorti kellha tapplika d-dispost tal-artikolu 120A(7) tal-Kapitolu 31 tal-ligijiet ta' Malta;

3. L-ewwel Qorti kienet mitluba tiskarta l-istqarrija tal-appellant, allura imputat, la darba ma kienx assistit minn avukat meta ttihditlu stqarrija waqt l-interrogatorju tieghu. L-Qorti tal-ewwel grad, wara li ghamlet kunsiderazzjonijiet studjati in rigward kkonkludiet li ma kienitx ser tiskarta il-kontenut ta' dik l-istqarrija. Tajjeb li jkunu riprodotti dawn il-konsiderazzjonijiet ghall-kwadru komplet tal-kwistjoni hawn devoluta:

> **"L-ewwel kwistjoni li dwarha ser tiddeciedi l-Qorti hija dwar l-ammissibilita` o meno tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat.**
>
> **Fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2013, id-difiza fil-waqt illi ghamlet referenza ghall-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, talbet l-isfilz tal-istess stqarrija u dan stante illi l-imputat ma kienx assistit minn avukat ta' fiducja tieghu waqt l-interrogazzjoni, li saret fis-sieghat bikrin ta' filghodu tat-2 ta' Mejju 2009 u dan fuq skorta tal-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg, fl-ismijiet Salduz vs Turkey, Brusko vs France u Boz vs Turkey, kif ukoll tas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Alvin Privitera u Il-Pulizija vs Esron Pullicino. Id-difiza ssottomettiet ukoll illi dak iz-zmien, l-imputat kien guvni ta' 21 sena, li ma kellu l-ebda esperjenza precedenti ta' pulizija, arrest jew interrogazzjoni.**

**Mhuwiex ikkontestat illi fil-jum li fih ttiehdet l-istqarrija tal-imputat, ossia fit-2 ta' Mejju 2009, il-ligi Maltija ma kinitx tippermetti li persuna arrestata tikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogazzjoni taghha mill-pulizija. Fil-fatt dan id-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviz Legali 35/2010. Din il-Qorti rreferiet ghal diversi sentenzi dwar l-ammissibilita` o meno tal-istqarrija fin-nuqqas ta' assistenza legali qabel l-interrogatorju inter alia is-segwenti: Il-Pulizija vs Alvin Privitera u Il-Pulizija vs Mark Lombardi decizi mill-Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta' April 2012 u fit-12 ta' April 2012 rispettivament, Charles Steven Muscat vs Avukat Generali deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta' Ottubru 2012, Il-Pulizija vs Amanda Agius u Il-Pulizija vs Tyrone Fenech, decizi mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Frar 2013, Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' April 2013, Ir-Repubblika ta' Malta vs Antonio Abdilla et, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Mejju 2013, Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmel Saliba, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Mejju 2013, Il-Pulizija vs Jesmond Camilleri, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' April 2013, Il-Pulizija vs Alexei Zerafa, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju 2013, Il-Pulizija vs Paul Cutajar deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Gunju 2013, Il-Pulizija vs Deborah Osmond, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Ottubru 2013 u Il-Pulizija vs Robert Busuttil, deciza mill-istess Qorti fl-20 ta' Frar 2014.**

**Illi jirrizulta illi fil-jum li l-imputat irrilaxxja l-istqarrija lill-pulizija, l-istess imputat kellu wiehed u ghoxrin sena u l-fedina penali tieghu dakinhar kienet wahda netta. Jirrizulta wkoll mill-istess stqarrija illi qabel l-interrogazzjoni tieghu, huwa nghata s-solita twissija illi ma kienx obbligat illi**

jitkellem, imma dak li jghid seta' jingieb bhala prova. Jirrizulta wkoll illi fil-fatt l-imputat wiegeb ghad-domandi kollha li sarulu u fl-ahhar wara d-dikjarazzjoni fis-sens illi huwa ghamel l-istqarrija b'mod volontarju, minghajr theddid jew biza', weghdiet jew twebbil ta' xi vantaggi, u wara li l-istess stqarrija giet moqrija lilu, huwa ghazel li jiffirmaha.

Fil-kaz odjern, l-imputat ma kienx minuri meta rrilaxxja l-istqarrija, jew kien ghadu kif lahaq il-maggor eta`. Huwa ma xehedx u lanqas ma jirrizulta mill-atti jew saret xi allegazzjoni fis-sens illi l-istqarrija tieghu ma kinitx wahda volontarja jew vizzjata fis-sens tal-Artikolu 658 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Veru illi, kif sostniet id-difiza, l-istqarrija ttiehdet fin-nofs siegha ta' filghodu, izda kif jirrizulta mill-istess stqarrija, l-imputat gie anke mistoqsi jekk kienx b'sahhtu bizzejjed sabiex jirrilaxxja l-istess stqarrija, ghal-liema domanda huwa wiegeb fl-affermattiv. Ghalhekk m'hemm xejn fl-atti li jwassal lil din il-Qorti sabiex tikkonkludi illi l-istqarrija tieghu ma kinitx wahda volontarja. In oltre lanqas ma jirrizulta illi l-imputat seta' ammetta ghal dak li ma kienx minnu u dan b'mod partikolari fid-dawl tal-fatt illi l-istqarrija tieghu giet in parte korroborata mix-xhud John Paul Psaila, kif ser jinghad izjed l'isfel.

Huwa minnu illi fis-sentenza taghha fl-ismijiet Il-Pulizija vs Tyrone Fenech, deciza fit-22 ta' Frar 2013, u dan fir-rigward tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat fi zmien meta ma kellux id-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju tieghu, il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet illi Fenech, li kien ghadu kemm ghalaq dsatax-il sena meta rrilaxxja l-istqarrija, ghandu mnejn illi minhabba l-eta` tieghu, kellu dik il-vulnerabilita` tali li bhala konsegwenza taghha, seta' ghamel stqarrija a bazi ta' liema seta' jinstab hati meta fis-sewwa hati ma kienx. Fil-

**fehma ta' dik il-Qorti, l-ghajnuna ta' avukat f'sitwazzjonijiet bhal dawn isservi sabiex teghleb dik il-vulnerabilita` u biex taghti garanzija kontra kull abbuz fit-tehid tal-istqarrija u ghalhekk nuqqas ta' dik il-garanzija twassal ghall-ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem.**

**Izda fis-sentenza taghha fl-ismijiet Charles Steven Muscat vs Avukat Generali deciza fit-8 ta' Ottubru 2012, il-Qorti Kostituzzjonali spjegat ukoll illi l-fatt wahdu li l-istqarrija tkun ittiehdet minghajr ma l-persuna arrestata jkollha access ghal avukat, mhux bizzejjed sabiex jista' jinghad li kien hemm ksur tad-dritt tas-smiegh xieraq. F'dan il-kaz, il-Qorti Kostituzzjonali qalet illi "Ghalhekk, li trid taghmel din il-Qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex hati jew le tal-akkuzi li ngiebu kontrih u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-ghajnuna ta' avukut waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm: li ghandha taghmel din il-qorti hu li tara jekk dak in-nuqqas wassalx ghal ksur tal-jedd ghal smiegh xieraq u jekk inholoqx il-perikolu illi l-attur jinstab hati meta ma kellux jinstab hati. Jekk ma hemmx dan il-perikolu, mela ma hemmx ksur." (sottolinear mizjud);**

**Din il-Qorti tqis illi minkejja l-eta` tal-imputat li, madankollu lanqas ma kien minuri jew kien ghadu kif lahaq il-maggor eta`, u wara li qieset ukoll illi din kienet l-ewwel esperjenza tieghu ta' interrogazzjoni, ma hemmx il-perikolu illi huwa jista' jinstab hati meta fil-fatt m'ghandux hekk jinstab. Dan qed jinghad ukoll ghaliex l-istqarrija tieghu, ghal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni, hija in parte korroborata mix-xhud John Paul Psaila u in kwantu jirrigwarda t-tieni imputazzjoni, din hija korroborata minn provi ohrajn li jirrizultaw mill-atti. Il-Qorti ghalhekk mhijiex ser tistrieh biss fuq l-istqarrija**

**rilaxxjata mill-imputat. Dan ir-ragunament isib konfort ukoll fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Deborah Osmond, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Ottubru 2013. F'dak il-kaz, l-ewwel Qorti strahet fuq il-gurisprudenza vigenti dak iz-zmien ossia Il-Pulizja vs Alvin Privitera, il-Pulizija vs Mark Lombardi u il-Pulizija vs Esron Pullicino, u ddikjarat illi n-nuqqas ta' assistenza legali kien leziv tad-dritt fundamentali tal-bniedem, kif sancit bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u peress illi ma rrizultawx xhieda ohra oltre din l-istqarrija, iddikjarat lill-appellata mhux hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha. L-Avukat Generali hassu aggravat b'din is-sentenza u interpona appell minnha. Fil-waqt illi rreferiet ghas-sentenza fl-ismijiet Charles Steven Muscat vs Avukat Generali, fuq citata, u ghall-bran mill-istess sentenza citat izjed 'il fuq, il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet tghid hekk:- "*Jinghad mill-bidu nett illi ma hemm l-ebda prova li l-istqarrija hija vizzjata b'xi wahda minn dawn l-incidenzi, [ossia bi vjolenza, qerq jew b'theddid] ghalhekk il-Qorti trid tinvestiga jekk inholoqx il-periklu illi l-appellata setghet tinstab hatja meta ma kelliex hekk tinstab. Biex tghinha f'dan l-ezercizzju l-Qorti taghmel referenza ghall-kawza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali sede Ghawdex fit-18 ta' Gunju 2013 fl-ismijiet Il-Pulizija kontra Paul Cutajar fejn il-Qorti qalet, "Dwar dan l-ahhar ilment li l-istqarrija kellha tkun sfilzata 'l ghaliex l-appellant ma kienx assistit fil-bidu nett ta' l-arrest tieghu, din il-Qorti taghmel referenza ghal decizjonijiet moghtija ricentament fejn din il-kwistjoni giet trattata u l-Qorti rrilevat li mhux kull nuqqas ta' assistenza legali ghandha twassal ghan-nullita` ta' l-istqarrija, izda l-Qorti ghandha tara jekk l-istqarrija hix korroborata minn xhieda ohra u kemm l-akkuzat huwa persuna vulnerabbli illi seta' facilment ikun*"**

***impressjonat jew influwenzat mill-fatt illi kien qieghed jigi interrogat mill-pulizija".***

**Il-Qorti ikkunsidrat illi f'dak il-kaz, il-prosekuzzjoni ressqet bhala addebitu kontra l-appellata l-istqarrija biss peress illi ma kien hemm ebda xhieda ohra ma' liema setghet tikkorobora din l-istess stqarrija. L-appellata kienet tfajla ta' tmintax-il sena b'fedina penali nadifa li sabet ruhha arrestata mill-pulizija in konnessjoni ma' reat illi gie kommess minn haddiehor u kien biss waqt l-interrogazzjoni taghha illi ammettiet li kienet hadet id-droga ecstasy xi sena qabel. F'dawn ic-cirkostanzi u fin-nuqqas ta' korroborazzjoni permezz ta' xhieda ohra, il-Qorti kkonkludiet illi jkun perikoluz illi l-Qorti ssib htija fuq din il-prova biss.**

***A contrario senso ghalhekk* fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz li ghandha quddiemha din il-Qorti, meta l-istqarrija tal-imputat hija korroborata bi provi ohrajn li tressqu mill-prosekuzzjoni, m'hemmx il-perikolu illi l-Qorti ssib htija fejn htija fil-fatt ma hemmx.**

**Ghaldaqstant, il-Qorti mhijiex sejra tiskarta l-istqarrija rilaxxjata mill-istess imputat, sa fejn din hija korroborata minn provi ohrajn.**

4. Il-konsiderazzjoni u d-decizjoni tal-ewwel Qorti kienu konsonanti mal-*quid juris* fil-mument meta rredigiet is-sentenza taghha u dan peress illi tali konsiderazzjonijiet kienu riflessi fid-decizjonijiet tal-Qrati taghna. Fil-mori tal-appell, izda, s-sitwazzjoni legali dwar il-legalita' o meno tal-istqarrijiet mehuda taht il-Kapitolu 9 tal-ligijiet taghna subbiet kambjament. Fis-sentenza recenti ta' din il-Qorti preseduta mill-Onor. Imhallef Edwin Grima fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Camilleri tal-25 ta' Frar, 2016, l-Qorti dahlet *funditus* fil-

kwistjoni. Din il-Qorti kienet maggorment gwidata bid-decizzjoni tal-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tat-12 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet Mario Borg vs Malta u il-konsiderazzjonijiet u d-decizzjoni f'dik is-sentenza jimmeritaw li jkunu riprodotti ghal-kompletezza tal-kwistjoni hawn skrutinata:

*Illi din id-decizjoni hija wahda limitata ghall-ewwel impunjattiva imressqa 'l quddiem mill-appellanti li tikkoncerna l-kwistjoni dwar l-ammissibbilita' o meno tal-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija meta kien gie arrestat u interrogat lura fis-17 ta' April 2002 u dan billi huwa ma giex moghti il-jedd ghal parir legali qabel gie interrogat. Illi l-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha qieset illi tali stqarrija kienet wahda ammissibbli billi l-appellanti ma kienx persuna vulnerabbli, kellu tletin sena, u li din ma kenitx l-ewwel darba li huwa xellef difrejgh mal-gustizzja u ghalhekk kellu esperjenzi precedenti ta' arrest u interrogazzjoni. Huwa kien gie moghti is-solita twissija vigenti f'dak iz-zmien fejn il-persuna arrestata ma kellhiex il-jedd la li tiehu parir legali qabel l-interrogazzjoni u wisq inqas li tkun assistita minn avukat fil-waqt tal-interrogazzjoni innifisha. Illi fid-decizjoni taghha, l-Ewwel Qorti strahet fuq il-gwida kostituzzjonali li kienet giet moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali permezz ta' decizjonijiet Charles Steven Muscat vs Avukat Generali (08/10/2012), il-Pulizija vs Robert Busuttil (20/02/2014) u il-Pulizija vs Omar Psaila (20/06/2014). Illi l-appellanti madanakollu jaghmel referenza ghad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li huma kollha konsoni fil-konkluzjoni taghhom illi ikun hemm vjolazzjoni ta'l-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni kull meta persuna arrestata u interrogata ma tkunx inghatat assistenza legali qabel ma tigi assoggettata ghall-interrogazzjoni fejn tista' tinkrimina ruhha.*

*Ikkunsidrat,*

*Illi id-dritt ghal smiegh xieraq kif sancit fl-artikolu 6(1) u l-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja gie estiz mill-gurisprudenza ewropeja mhux biss ghal jedd li ghalih hija intitolata l-persuna akkuzata matul il-proceduri penali fil-qorti*

*izda ukoll ghal hekk imsejjah pre-trial stage u cioe' ghall-istadju meta persuna tkun giet arrestata u ser tigi interrogata. Dina l-fehma ghalhekk tfisser illi l-artikolu 6(3)(c) li jipprovdi dwar l-assistenza legali ghandu isib applikazzjoni anke fl-istadju ta'l-interrogazzjoni tal-persuna suspettata. Dana ghaliex huwa principju stabbilit fis-sistema penali taghna illi persuna ghandha titqies li hija innocenti sakemm ma tigix misjuba hatja minn qorti gudizzjarja. Kwindi hija ghandha dritt illi ma tinkriminax ruhha bl-ebda mod u dana sa mill-istadju inizjali ta'l-interrogazzjoni. Sabiex dana id-dritt jigi salvagwardjat ghalhekk kull persuna ghandha d-dritt li tikseb l-assistenza legali u dana sabiex tkun fl-ahjar pozizzjoni illi thejji id-difiza taghha. Dana huwa vitali billi fis-sistema penali taghna il-konfessjoni tal-persuna akkuzata hija prova ewlenija fil-process gudizzjarju istitwit kontra taghha.*

*Il-Qorti Kostituzzjonali, madanakollu kienet recentement ziedet linji gwida ohra ghal gudikant li ikollu f'idejh id-decizjoni dwar jekk ghandux jiehu kont ta' stqarrija tal-interrogat bhala prova in atti sabiex jasal ghal gudizzju tieghu. Gie deciz illi fuq kollox ghandu jittiehed kont tal-fattispecje ta' kull kaz fost ohrajn il-vulnerabbilita tal-persuna li tkun qed tigi interrogata (fosthom l-eta, il-precedenti penali) l-jedd li l-persuna interrogata kellha biex tibqa' siekta u ma twegibx ghal dawk il-mitoqsijiet li jistghu jinkriminawh, l-inattivita da parti ta'l-akkuzat milli jipprova jattakka l-validita ta'l-istqarrija tieghu mill-bidunett tal-proceduri, l-provi l-ohra li hemm fl-atti, fost ohrajn.*

*Illi f'decizjoni recenti*[1] *moghtija mill- Qorti Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem gew affermati il-principji generali li ghandhom jigu segwiti mill-qrati meta inghad:*

***"Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect***

[1] Mario Borg vs Malta 37537/13 12/01/2016

***for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies.***

***The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction,***

***Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6."***

*Il-Qorti iddecidiet illi l-fatt wahdu illi l-ligi domestika ma kenitx tipprevedi d-dritt ghall-assistenza legali meta l-persuna suspettata kienet tinsab fil-kustodja tal-pulizija hija bizzejjed sabiex ikun hemm vjolazzjoni ta'l-artikolu 6:*

***"60. The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, Salduz, cited above, § 56; Navone and Others v. Monaco, 24 October 2013; Brusco v. France, October 2010; and Stojkovic v. France and Belgium, 27 October 2011). A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009; Yeşilkaya v. Turkey, no. 59780/00, 8 December 2009; and Fazli Kaya v. Turkey, no. 24820/05, 17 September 2013).***

***61. In respect of the present case, <u>the Court observes that no reliance can be placed on the assertion that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see Salduz, cited above, § 59); indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law</u>. In this connection, the Court notes that the Government have not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraignment).***

***62. It follows that, also in the present case, <u>the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons</u> (see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56).***

***63. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention."***

*Illi gie deciz illi l-qrati ma kellhomx jaghtu interpretazzjoni stretta tad-decizjoni Salduz vs Turkey kif sehh fil-kaz ta' Charles Steven Muscat fost ohrajn. L-Imhallef Pinto De Albuquerque[2] ighid hekk fl-opinjoni tieghu:*

***"the interpretation of Salduz by the Constitutional Court of Malta is in breach of the "constitutional instrument of European public order" and its "peremptory character". …. Be that as it may, in the light of the repetitive findings of violations of Article 6 § 3 (c) of the Convention by this Court, the Maltese Constitutional Court should correct its trajectory and return to its initial Convention-friendly interpretation of Salduz."***

[2] Ara partly concurring and partly dissenting opinion of Judge Pinto De Albuquerque fid-decizjoni Mario Borg vs Malta

*Imbaghad fil-kawza Aleksandr Vladimirovich Smirnov vs Ukraine (13.06.2014) gie deciz:* **–**

***"The Court reiterates the principles developed in its case-law, according to which the right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer, assigned officially if need be, although not absolute, is one of the fundamental features of the notion of a fair trial. As a rule, access to a lawyer should be provided from the first time a suspect is questioned by the police, unless it can be demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there were compelling reasons to restrict this right (see Salduz v. Turkey [GC], no. 36391/02, § 55, 27 November 2008). The right to mount a defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police questioning without access to a lawyer are used for a conviction (ibid.). While a defendant in criminal proceedings may, under various circumstances, waive his right to legal representation, such a waiver may not run counter to any important public interest, must be unequivocally established, and must be attended by minimum safeguards commensurate with the waiver's importance."***

*Maghdud dan allura jidher illi r-regola hi li l-Artikolu 6(1) abbinat ma'l-artikolu 6(3)(c) jitlob li jkun hemm dritt ta' avukat fl-istadju tal-investigazzjoni tal-pulizija, sakemm ma jigix ippruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Illi allura meta l-ligi domestika teskludi dan il-jedd u dan b'mod sistematiku billi ma ikunx hemm disposizzjoni ad hoc li taghti dan il-jedd lil persuna arrestata, ikun hemm il-periklu li jsehh lezjoni tad-dritt tal-persuna akkuzata ghal smiegh xieraq anke f'dawk il-kazijiet estremi fejn ma ikun hemm l-ebda dikjarazzjoni inkriminanti f'dawn l-istqarrijiet. Illi fil-kaz deciz quddiem il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet Navone vs Monaco, nstab li kien hemm lezjoni billi l-akkuzat ma kellux jedd ghall-assistenza ta'l-avukat matul l-interrogazzjoni similment billi l-ligi tal-pajjiz ma kenitx tippermettiha. (ara ukoll Yesilkaya vs Turkey – 59780/00 08/12/2009, Fazli Kaya vs Turkey – 24820/05 17/09/2015).*

*Dan il-jedd gie anke estiz fil-kaz fejn l-akkuzat kien gie moghti il-jeddijiet kollha vigenti skont il-ligi ta' pajjizu inkluz allura il-jedd tieghu ghas-silenzju u fil-fatt huwa kien ezercita dan il-jedd u ma wiegeb ghall-ebda mistoqsija lilu maghmula. Il-Qorti xorta wahda sabet li kien hemm vjolazzjoni ta'l-artikolu 6(3)*[3] *u dan ghaliex ma kienx ikkonsulta ma avukat biex ifissirlu il-jeddijiet tieghu skont il-ligi dwar id-dritt tieghu ghas-silenzju u d-dritt li ma jinkriminax ruhu b'dan ghalhekk illi l-Qorti implikat illi t-twissija moghtija mill-ufficjali investigattiv; ma hijiex bizzejjed.*

***"31. The Court is of the view that the fairness of criminal proceedings under Article 6 of the Convention requires that, as a rule, a suspect should be granted access to legal assistance from the moment he is taken into police custody or pre-trial detention.***

***32. In accordance with the generally recognised international norms, which the Court accepts and which form the framework for its case-law, an accused person is entitled, as soon as he or she is taken into custody, to be assisted by a lawyer, and not only while being questioned (for the relevant international legal materials see Salduz, cited above, §§ 37-44). Indeed, the fairness of proceedings requires that an accused be able to obtain the whole range of services specifically associated with legal assistance. In this regard, counsel has to be able to secure without restriction the fundamental aspects of that person's defence: discussion of the case, organisation of the defence, collection of evidence favourable to the accused, preparation for questioning, support of an accused in distress and checking of the conditions of detention.***

***33. In the present case it is not disputed that the applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see Salduz, cited above, §§ 27 and 28). A systematic restriction of this kind, on the basis of the relevant statutory provisions, is sufficient in itself for a violation of Article 6 to be found,***

[3] Dayanan vs Turkey – 7377/03 deciza 13/10/2009

***notwithstanding the fact that the applicant remained silent when questioned in police custody."*** *(sottolinjar tal-Qorti)*

*Fil-fatt fid-decizjoni Brusco vs Franza*[4] *gie deciz:*

***"La Cour constate également qu'il ne ressort ni du dossier ni des procès-verbaux des dépositions que le requérant ait été informé au début de son interrogatoire du droit de se taire, de ne pas répondre aux questions posées, ou encore de ne répondre qu'aux questions qu'il souhaitait. Elle relève en outre que le requérant n'a pu être assisté d'un avocat que vingt heures après le début de la garde à vue, délai prévu à l'article 63-4 du code de procédure pénale (paragraphe 28 ci-dessus). L'avocat n'a donc été en mesure ni de l'informer sur son droit à garder le silence et de ne pas s'auto-incriminer avant son premier interrogatoire ni de l'assister lors de cette déposition et lors de celles qui suivirent, comme l'exige l'article 6 de la Convention."***

*Illi allura hija fis-setgha ta' din il-Qorti u dan qabel ma jigi determinat il-process gudizzjarju kontra l-appellanti illi twarrab dik l-evidenza illi tmur kontra il-garanziji moghtija kemm fil-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni ghal harsien tal-jedd ghal smiegh xieraq tal-persuna akkuzata. Fil-fatt dan il-jedd gie indikat fid-decizjoni tal-Qorti Ewropeja fil-kaz Dimech vs Malta*[5] *fejn f'dak il-kaz ghalkemm il-Qorti ma setghetx tasal biex tistabbilixxi jekk kienx sehh lezjoni ta'l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni billi l-proceduri penali kienu ghadhom ma intemmux, madanakollu sahhqet:*

***"…. it cannot be entirely excluded that the courts of criminal jurisdiction, before which the case is heard, hear the case in the same circumstances that would have existed had the right to legal assistance during pre-trial stage not been disregarded, namely by expunging from***

[4] 1466/07 – 14/10/2010 The Court also notes that it does not follow either the file or the minutes of evidence that the applicant had been informed at the beginning of his examination of the right to remain silent, not to respond to questions, or to not answer the'questions he wanted. It further notes that the applicant had been assisted by a lawyer twenty hours after the start of the custody period provided for in Article 63-4 of the Code of Criminal Procedure (see paragraph 28 above) . The lawyer was therefore unable either to provide information on his right to remain silent and not to incriminate before his first interrogation or assist during the deposition and during those which followed, as required by Article 6 of the Convention

[5] 02/07/2015 – 34373/13

***the records the relevant statements. The Court notes that, if, because of the limitations of the applicable criminal procedural law, it is not possible given the stage reached in the pending proceedings, to expunge from the records the relevant statements (whether at the request of the applicant or by the courts of criminal jurisdiction of their own motion), it cannot be excluded that the legislature take action to ensure that a procedure is made available at the earliest opportunity for this purpose."***

*Illi mill-ezami tal-atti probatorji u minn qari tad-decizjoni impunjata huwa bil-wisq evidenti illi ghalkemm fl-istqarrija rilaxxjata minnu, l-appellanti jaghzel li ma jwegibx ghal xi mixtoqsijiet li isirulu, madanakollu huwa iwiegeb ghal ohrajn u l-Ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni dawn id-dikjarazzjonijiet meta giet biex tistabilixxi r-rejita' fl-appellanti u dan meta stqarret testwalment:*

*"**Illi l-akkuza migjuba fil-konfront tad-droga eroina hija dik tal-pussess mhux ghall-uzu esklussiv. Bla dubbju, il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-pussess per se, imbaghad ressqet provi ta' ammont, mizien u stqarrija li jwasslu ghal prova tal-aggravvju. Fil-fatt l-ammont ta' erbgha u erbghin (44) gramma u fuqhom, ghal bniedem li fil-fatt kien aktar ivvizzjat bil-cannabis u kokaina (ara stqarrija u xhieda ta' rapprezentant tal-agenzija Sedqa), huwa ammont kbir u xejn negligibbli**."*

*Illi dan l-Ewwel Qorti ma setghatx taghmlu u allura din il-Qorti ser tilqa' dan l-aggravvju imressaq 'il quddiem mill-appellanti u ghalhekk ser tiskarta l-istqarrija ta'l-appellanti rilaxxjata fis-17 ta' April 2002 bhala prova u dan fid-dawl tad-decizjonijiet hawn fuq iccitati.*

*Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa' dan l-ewwel aggravvju ta'l-appellanti u tordna il-prosegwiment tas-smiegh ta'l-appell skont il-ligi fuq l-aggravvji l-ohra.*

5. Din il-Qorti taqbel pjenament mas-sentenza appena riprodotta u tazzarda zzid illi fil-kwistjoni tal-istqarrija fil-*pre trial stage*, persuna arrestata ma kellha ebda jedd ghall-xi forma ta' assistenza legali sakemm iddum arrestata inkluz waqt l-interrogatorju. L-Att III tal-

2002 imbaghad introduca fis-sistema legali taghna forma ta' dritt ta' assistenza legali billi ta il-jedd li persuna arrestata tkun intitolata titkellem wicc imm'wicc jew bit-telefon ma' avukat jew prokuratur legali ghal mhux aktar minn siegha zmien ex artikolu 355 AT tal-Kap 9. Dan il-jedd ma dahalx fis-sistema legali taghna minghajr skossi ghaliex l-artikolu 355 AU imbaghad holoq id-dritt tal-inferenza, igifieri, li f'kaz fejn l-arrestat ikun utilizza d-dritt li jikkonsulta mal-legali tieghu, ikun naqas milli jsemmi fatti li ragonevolment ikun mistenni li jsemmi, l-Qorti, allura fi stadju wara l-*pre trial stage*, "*tista taghmel dawk l-inferenzi minn dan in-nuqqas bhala jidhru xierqa, liema inferenzi ma jistghux wahedhom jitqiesu bhala prova ta' htija izda jistghu jitqiesu bhala li jammontaw ghal korroborazzjoni ta' kull xhieda ta' htija tal-persuna akkuzata jew imputata"*. Dan ifisser illi ma tistghax issir tali inferenza f'dak il-kaz li l-persuna arrestata tghazel li ma tghamilx uzu mill-jedd ghall-assistenza legali. Ezaminati dawn il-provvediment mad-Direttiva numru 2013/48/EU tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-dritt ghall-assistenza legali waqt l-arrest, jista' jkun hemm lok ghal-dibattitu dwar kemm il-provvedimenti tal-Kap 9 jirrispekkjaw d-dritt ghall-assistenza legali moghti lill-arrestat tenut kont ukoll illi dan id-dritt, kif ezistenti llum taht il-ligi taghna, huwa ristrett ghal siegha qabel l-interoggatorju u b'hekk jeskludi l-jedd tal-presenza tal-avukat waqt l-istess interrogatorju. F'dak l-istadju l-arrestat huwa soggett ghal-mistoqsijiet diretti u suggestivi bir-risposti taghhom, anke jekk jghazel li ma jwegibx, bit-traskrizzjoni tieghu tkun eventwalment esebita fil-proceduri kontih fejn ikun meqjus innocenti sakemm pruvat mod iehor.

Tajjeb li jkun rilevat ukoll illi l-Att III tal-2002 ma dahalx fis-sehh qabel is-sena 2010;

6. Illi, kif gia intqal, din il-Qorti taqbel pjenament mas-sentenza appena citata u ghalhekk tghazel illi tiskarta l-kontenut tal-istqarrija Dok JB maghmula mill-appellant fit-2 ta' Mejju 2005 esebita bhala a fol 13 tal-atti processwali u dan fuq il-premessa illi ma kellux il-

beneficcju tal-assistenza legali waqt li mizmum taht arrest minkejja li l-ligi vigenti f'dak iz-zmien kienet teskludi l-jedd ghal tali assistenza;

7. Din il-Qorti ghalhekk sejra tezamina l-fatti bl-eskluzzjoni tal-istqarrija tal-appellant sabiex tara jekk l-ewwel Qorti, setghetx ragjonevolment u legalment tasal sabiex ssib htija fl-appellant. Il-membri tal-Pulizija li xehedu quddiem l-ewwel Qorti setghu biss jghidu illi f'wiehed mill-bwiet tal-appellant kienet instabet pillola aktarx *ecstasy*. Mill-korp tal-provi jemergi ukoll illi minn fuq il-persuna tal-appellant kienet elevata karta ta' valuta ta' ghoxrin Euro, tlett muniti tal-euro u erba muniti ta' hamsin centezmu. L-pillola kienet ta' lewn roza mgezwra f'*tissue paper* , kienet *bevelled* u fuqha kellha logo ta' qalb. Minn ezamijiet forensici rrizulta li dik il-pillola kienet tikkontjeni sustanza kontrollata bil-ligi tah it-Tielet Skeda Parti A tal-Kapitolu 31;

8. Il-prosekuzzjoni kienet ressqet ukoll bhala xhud il-persuna li kienet intlemhet fil-presenza tal-appellant. John Paul Psaila kien ikkonferma bil-gurament quddiem il-Qorti tal-Ewwel Grad l-istqarrija li kien ta lill-Pulizija li kien gia kkonferma ukoll quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Dan ix-xhud jghid illi dakinhar tal-party kien qed ifittex biex jixtri l-ecstasy u lemah persuna li gieli ra l-kazin tal-bocci ta' Santa Lucia. Wara li staqsieh jekk kellux ecstasy wiegbu li kellu dawk bil-marka tal-Euro li kienu familjari ghalih bhala tondi ta' lewn bejn ahdar u blu u bil-marka tal-Euro fuqhom. Huwa xtara tlett pilloli minghandu ghall prezz ta' tletin euro u jiftakar itih zewg karti tal-ghoxrin euro li tefaghhom fil-but u inghata ghaxar euro bqija. F'dak il-mument kienu arrestati mill-Pulizija u kien cahad li xtara l-ecstasy minghand l-appellant izda waqt l-istqarrija ddecieda jghid il-verita', igifieri li kien xtrahom minghand l-appellant. Dik kienet l-ewwel darba li kien xtara minghand l-appellant li la kien jaf ismu u lanqas jekk kienx ibiegh id-droga;

9. L-appellant iressaq diversi ilmenti dwar din id-deposizzjoni. Jibda biex jghid illi dan ix-xhud kien vag u qatt ma ta dettalji sufficjenti sabiex jidentifika lill-appellant. Dan l-argument ma jsib

ebda sostenn ghaliex ix-xhud kien kategoriku u identifika lill-appellant fl-awla meta mistoqsi minghand min kien xtara l-ecstasy. L-appellant jikkwerela ukoll il-bdil tal-verzjoni tax-xhud mill-mument meta kien arrestat sakemm irrilaxxja l-istqarrija tieghu.  Anke hawn, din il-Qorti ma tara ebda nuqqas ta' kredibilita' f'xhud li fil-mument tal-arrest tieghu wiegeb mod u waqt l-interrogatorju wiegeb mod iehor. Dan izda jehtieg li jkun ezaminat mill-ottika tal-argument sussegwenti tal-appellant meta jirrileva illi fil-but tal-appellant suppost li kienu jinsabu almenu zewg karti tal-ghoxrin euro la darba dan ix-xhud kien ghadda dawn il-flus lill-appellant kif jghid. Fuq il-persuna tax-xhud allura suppost instabet karta tal-ghaxar euro, izda dwar dan, il-prosekuzzjoni ma qalet xejn;

10. L-appellant jargumenta inoltre illi minkejja li x-xhud iddikjara li l-appellant kien wiegbu li fuqu kellu l-ecstasy tat-tip *Euro,* fuq il-persuna tal-appellant instabet biss pillola wahda bil-logo ta' qalb. Dwar dan, l-appellant jistaqsi ghaliex ma sarux ezamijiet forensici fuq il-pilloli misjuba fuq ix-xhud sabiex ikun accertat li kienu l-istess bhal dik misjuba fuqu kif ukoll ghaliex dawn qatt ma kienu esebiti in atti. Din is-sottomissjoni gia kienet mressqa mill-appellant quddiem l-ewwel Qorti li ddisponiet minnu billi strahet fuq l-istqarrija tal-appellant u li d-dikjarazzjoni tieghu hemm maghmulha kienet tammonta ghal-trafikkar skond kif ravvizat fl-artikolu 120A(1B) tal-Kap 31 li jiddisponi li hemm traffikar meta wiehed joffri, *inter alia,* li jipprovdi *medicina.* Dik il-konkluzzjoni, issa li din il-Qorti ghazlet li tiskarta l-istqarrija tal-appellant, m'ghadhiex aktar valida u jehtieg li l-argument tal-appellant ikun kunsiderat mill-gdid;

11. In rigward irid jinghad, a differenza tal-artikolu 639(3) tal-Kodici Kriminali, illi fi kwistjonijiet bhal dik in dizamina, ix-xhieda ta' persuna li tikseb jew takkwista medicina minghad il-persuna akkuzata bir-reat, m'ghandhiex ghalfejn tkun korroborata b'cirkostanzi ohra.  L-artikolu 30 tal-Kapitolu 101 maghmul applikabbli ghal Kapitolu 31 bis-sahha tal-artikolu 120A (2A).  Dan ifisser, kif kostantement deciz mill-Qrati taghna, illi l-Qorti tista' ssib

htija anke fuq dikjarazzjoni tal-persuna li tkun kisbet jew akkwistat il-medicina minghand l-imputat jew akkuzat. Dan jimponi obbligu gravi fuq il-Qorti fejn l-accettazzjoni ta' dik id-dikjarazzjoni ghandha allura tkun soggetta ghall-ezami akkuratissimu taghha. Fil-kwisjtoni odjerna, din il-Qorti ssib ferm stramb l-fatt illi l-ebda xhud tal-prosekuzzjoni ma xehed dwar it-tlett pilloli misjuba fuq ix-xhud taghha. Jekk dan tressaq quddiem il-Qorti biex iwiegeb ghall-dak il-fatt u tali pilloli kienu distrutti b'rizultat ta'decizzjoni tal-Qorti kien jispetta lill-Prosekuzzjoni tipprokura evidenza biex turi li dawn kienu jezistu. Il-Pulizija li arrestaw lill-appellant kienu l-istess li arrestaw lix-xhud izda dawn ma jghidu xejn dwar dak li sabu fuq ix-xhud. Il-kwistjoni tal-ammont ta' flus misjuba fuq l-appellant certament kellha mbaghad issib konfort fil-fatti kif esposti mix-xhud tal-prosekuzzjoni u anqas dan ma sar. Il-Qorti hija ukoll riluttanti li temmen il-verzjoni tax-xhud anke minhabba l-fatt illi ghazel illi jibdel il-verzjoni tieghu wara li ttiehed fil-kustodja tal-Pulizija, igifieri, li l-ewwel jinnega li kien xtara l-pilloli minghand l-appellant imbaghad li jikkonferma dak l-akkwist. Id-differenza fil-marka tal-pilloli li xtara meta kien qabel li jixtri tip iehor u l-bqija tal-flus li suppost kellu fil-but meta inghata l-bqija minghand l-appellant ukoll ihallu lil din il-Qorti xi ftit jew wisq perplessa b'mod illi ma thosshiex konvinta li tkun skaturat dak l-obbligu gravi jekk tqis id-deposizzjoni tax-xhud, f'dan il-kaz, bhala sufficjenti sabiex tinsab htija kontra l-appellant ghal dak ravvizat fl-ewwel imputazzjoni;

12. L-appellant ghalhekk ghandu ragun fl-aggravji tieghu kwantu l-ewwel imputazzjoni u ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabitu hati tal-ewwel imputazzjoni u minflok qed tilliberah minnha. Tikkonferma s-sentenza appellata fejn din sabet htija fl-appellant fit-tieni imputazzjoni u lliberatu mit-tielet imputazzjoni. U peress illi hemm lok ta' temperament fil-piena, tirrevoka s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn l-appellant kien ikkundannat ghal-terminu ta' prigunerija ta' sitt xhur u kkundannatu jhallas is-somma ta' Euro 750 u minflok

**tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor sa zmien sena (1) mil-lum fit-termini tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta**. Tikkonferma l-ordni ghal-hlas tal-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert forensiku fl-ammont ta' Euro 364.51 fi zmien sitt xhur mil-lum kif ukoll l-ordni ghad-distruzzjoni tad-droga esebita Dok JB 1 taht il-harsien tar-Registratur tal-Qrati li ghandu jirredigi *process-verbal* in rigward;

13. Il-Qorti fissret lill-appellant l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza.